19 ta' Mejju, 1952

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Vincenzo Zammit *versus* Avukat Dr. Antonio Caruana

**Retratt — Dritt ta' Preferenza — Spejjeż Utili u Neċessarji — Likwidazzjoni — Rivendizzjoni — Perizja "ex parte" — Ekwipollenza — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 1493, 1494, 1495, 1503 u 1504, tal-Kodiċi Civili.**

*Fost id-dmirijiet tar-retraent versu r-retrattarju jidħol ukoll id-dmir tal-ħlas ta' l-ispejjeż kollha meħtieġa u utili magħmula fil-ħaġa mix-xerrej innifsu jew minn kull possessur ieħor, ukoll jekk għal xi raġuni, li għaliha ma għandux iwieġeb la r-retrattarju u lanqas ebda possessur ieħor, ma jibqax l-effett ta' dawk l-ispejjeż; u r-rivendizzjoni lir-retraent ma ssirx obligatorja qabel ma r-retraent ikun għamel l-obligi kollha tiegħu lejn ir-retrattarju skond il-liġi.*

*Imma l-liġi ma timponix ebda formula kif għandhom jiġu eżerċitati d-drittijiet relativi għall-ħlas ta' dawk l-ispejjeż, u lanqas ma timponi assolutament kontemporaneament it-talba għal-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż u dik ta' l-inġunzjoni jew kundanna tal-parti oppożitorja biex tiġi għar-rivendizzjoni.*

*Lanqas ma jista' jingħad li t-talba għandha bil-fors tkun għal-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż, meta dawk l-ispejjeż ikunu noti b'mezzi oħra.*

*Hu prinċipju paċifiku fil-ġurisprudenza maltija illi d-domanda tista' tiġi sostnuta "per equipollens". U billi d-domanda għall-kundanna għall-ħlas tas-somma ta' l-ispejjeż leġittimi dovuti mir-retraent lir-retrattarju għandha impliċita fiha l-likwidazzjoni ta' dawk l-ispejjeż, ma hix irritwali d-domanda billi tintalab il-kundanna tar-retraent biex iħallas dawk l-ispejjeż mingħajr ma jkun hemm fiċ-ċitazzjoni ukoll it-talba għall-likwidazzjoni ta' dawk l-ispejjeż.*

*U lanqas ma hija meħtieġa t-talba konkomitanti għall-fissazzjoni tal-jum tar-rivendizzjoni.*

*Imma l-fatt li f'każijiet simili ma jkunx hemm lok għal-liberazzjoni tar-retraent "ab observantia" ma jfissirx li d-domanda hija għal kollox preċiża; u għalhekk ikun hemm lok għal temperament fil-kap ta' l-ispejjeż tal-kawża.*

*Meta perizja "ex parte" tiġi eżibita maċ-ċitazzjoni biex l-attur jiġġustifika l-għaliex qiegħed jitlob is-somma ndikata fiċ-ċitazzjoni, ma hemmx lok għall-isfilz tagħha, għalkemm il-Qorti tal-meritu ma tadottahiex jekk ikun hemm oppożizzjoni mill-parti l-oħra.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur talab li, wara li jiġu mogħtija d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha neċessarji, billi b'ċedola Nru. 133/1951, preżentata fl-24 ta' Lulju ta' l-istess sena fir-Reġistru ta' dik il-Qorti (dok. A) il-konvenut eżerċita d-dritt ta' preferenza u retratt fuq il-għalqa fil-limiti ta' Ħal Għaxaq, kuntrada "ta' Santu Kristu", imsejħa "tat-Torretta", konfinata mill-lvant ma' Via Valetta msejħa "ta' Santu Kristu", nofs in-nhar ma' beni ta' l-eredi tas-Saċerdot Tommaso Scicluna, u mill-punent ma' beni ta' l-istess konvenut, tal-kejl ta' ċirka tomnejn, żewġ sigħan u seba' kejliet, mixtrija mill-attur fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Spiteri tas-27 ta' Lulju 1950; billi l-konvenut, bl-istess ċedola msemmija, iddepożita s-somma ta' £147, li huma kwantu għal £140 għall-prezz tal-bejgħ tal-għalqa, u £7 imgħaxijiet fuqhom, biex jingħataw liberament lill-attur retrattarju in segwitu għar-rivendizzjoni, u ddikjara wkoll li huwa pront jirreintegra d-depożitu appena jiġi nfurmat bl-ammont realment dovut minnu; u billi, qabel ma l-konvenut eżerċita dan id-dritt ta' preferenza u retratt, l-attur kien bena żewġ ħitan tas-sejjieħ għoli ħames piedi u sitt pulzieri fuq l-irjieħ tal-lvant u tal-punent biex jagħlaq l-għalqa, u kamra fiha ta' seba' piedi u erba' pulzieri b'sitt piedi u sitt pulzieri u għolja tmien filati, bil-prezz komplessiv ta' £134, skond stima tal-Perit Albert Vassallo, stima li swiet £7. 10. 0 (dok. B u C); talab li l-konvenut jiġi kundannat li jirrifondi lill-attur, għall-kawżi fuq imsemmija, iż-żewġ ammonti ta' £134 u £7. 10. 0, u ċjoè b'kollox £141. 10. 0, oltre l-prezz tal-bejgħ u l-ispejjeż relativi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet *tal-konvenut*, li biha qal li *d-domanda* mhix formulata a norma *tal-liġi*. L-art. 1504 (1) Kodiċi Ċivili jimponi lir-retrattarju (a) li jitlob il-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż neċessarji jew utili, u (b) li kontemorpaneament jiddomanda l-fissazzjoni tal-ġurnata għar-rivendizzjoni. L-attur talab il-kundanna għar-rifużjoni ta' ammont minnu pretiż dovut mill-konvenut għall-valur ta' benefikati, u ommetta javanza t-tieni domanda; u għalhekk il-komparenti talab li jkun liberat mid-domandi kif avanzati, billi r-retraent, a norma *tal-liġi*, mhux tenut iħallas il-valur tal-miljoramenti, *imma* tal-*volta* l-ammont *li jiġi* likwidat in kumpens ta' *l-ispejjeż* inkorsi mir-retrattarju (art. fuq ċitat); *il-valutazzjoni*, del resto, eżibita mill-attur bi prova "ex parte" li ġiet riġettata mill-esponenti, u l-attur għamel dawn l-ispejjeż fil-fond bl-iskop preċiż li jiskoraġġixxi l-konvenut milli jeżerċita d-dritt tar-retratt;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Regina mogħtija fil-15 ta' Ottubru 1951, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità taċ-ċitazzjoni u dik għall-spiża tal-perizja, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; billi dik il-*Qorti* kkunsidrat;

Illi l-partijiet jaqblu fuq il-fattijiet. Il-konvenut eżerċita d-dritt ta' preferenza u retratt fuq il-għalqa in kwistjoni biċ-ċedola imsemmija, u li kopja legali tagħha tinsab fil-proċess mill-poter ta' l-attur. *Dan* l-aħħar imsemmi, bejn l-akkwist tiegħu u l-eżerċizzju tad-drittijiet fuq imsemmija mill-parti tal-konvenut, għamel l-ispejjeż li tagħhom qiegħed jitlob il-pagament minn għand il-konvenut retraenti, wara li huwa għamel stima tagħhom "marte proprio". Il-konvenut qiegħed jallega li *dan* il-proċediment huwa irritwali, inkwantokkè *l-attur* kellu jitlob il-likwidazzjoni ta' kwalunkwe *spiża utili u* neċessarja, u mhux għà minnufih jgħaddi sabiex *jitlob* il-pagament;

Illi skond l-art. 1493 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta, fost *id-dmirijiet* tar-retraent versu r-retrattarju jidħol ukoll id-*dmir* tal-ħlas ta' l-ispejjeż kollha meħtieġa u utili magħmula fil-ħaġa mix-xerrej innifsu jew minn kull possessur ieħor, ukoll jekk, għal xi raġuni li għaliha ma għandux iwieġeb lu r-retrattarju u lanqas ebda possessur ieħor ta' qablu, ma jibqax l-effett ta' dawk l-ispejjeż. In *forza* ta' l-art. 1503 ta' l-istess Kodiċi, *ir-rivendizzjoni lir-retraent* ma ssirx

obligatorja mir-retrattarju qabel ma l-istess retraent ikun għamel l-obbligi tiegħu kollha skond l-art. 1493, 1494 u 1495. Fl-aħħarnett, l-art. 1504 jgħid x'inhuma l-jeddijiet tal-partijiet sabiex jottjenu l-ħlas ta' l-ispejjeż meħtieġa jew utili li għalihom ir-retrattarju jkun obligat, jew ir-retraent tenut, għall-finijiet tar-rivendizzjoni;

Illi l-art. 1504 tal-Kodiċi Ċivili ma jimponix ċertament ebda formula li, jekk ma tiġix segwita "ad litteram" mill-partijiet li ssemmew, tnissel magħha xi nullità; kif lanqas ma jimponi assolutament kontemporaneament it-talba għal-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż u dik ta' l-inġunzjoni jew kundanna tal-parti oppożitorja sabiex tasal għar-rivendizzjoni—liema żewġ talbiet jistgħu jsiru liberament separatament;

Illi lanqas jista jingħad li t-talba, skond l-artikolu fuq imsemmi, għandha tabilfors tkun għall-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż, meta dawk l-ispejjeż ikunu noti b'mezzi oħra—liema mezzi jistgħu jkunu ta' frankezza għall-ispejjeż tal-ġudizzju;

Illi, premess dan, jingħad li mill-kontest ġenerali ta' l-att taċ-ċitazzjoni jidher ċar li l-attur qiegħed jitlob pagament ta' spejjeż utili u neċessarji li huwa għamel qabel l-eżerċizzju tar-retratt fil-fond irkuprat mill-konvenut. Di fronti għal dan il-fatt lampanti ma kienx hemm lok għall-attur jindika dak li jirriżulta mill-kontest ta' l-att tiegħu. Huwa prinċipju ġenerali li dak li jgħodd fid-dritt sostanzjali, u anki f'dak ritwali, huwa l-kontenut ta' l-att "de quo", li dwaru jkun hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet, salvo li l-liġi ma tkunx tiddisponi taħt piena ta' nullità altrimenti;

Illi huwa minnu wkoll li t-talba għall-kundanna għall-pagament ta' kreditu hemm fiha nfusha mplicita talba għall-likwidazzjoni u kanonizzazzjoni ta' dak l-istess kreditu (ara Appell 30 ta' Jannar 1871 in re "Dimech vs. Schembri", Vol. V, paġ. 477 u in partikulari paġ. 481, kolonna I in primis), b'mod li meta l-attur għażel li jitlob il-pagament ta' l-ispejjeż meħtieġa u utili, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, ġie virtwalment jitlob anki l-likwidazzjoni tagħhom, inkwantokkè l-konvenut, bil-proponiment ta' l-azzjoni li għażel, ma ppreġudika xejn lill-konvenut, li għandu d-dritt joppuni, jew aħjar jikkontesta, l-ammont, salvo li, jekk ma jirnexxilux jivvulnerah, ikollu jsofri l-konsegwenzi ta' l-oppożizzjoni; mentri, per

kuntrarju, jekk tirnexxi l-oppożizzjoni konvenuta, il-konsegwenzi ta' l-eżitu jkunu rivert ti fuq l-attur. Del resto, l-attur seta' hekk għażel li jmexxi d-dritt tiegħu; il-għaliex meta, skond il-liġi, ma jkunx hemm divjet dwar l-ekwipollenza, sew in forma taċita kemm dik implicita, mhix neċessarja l-ebda forma espressa għall-propożizzjoni ta' l-azzjonijiet, jew, kif soltament jingħad, mhix imperativa l-forma speċifika; u per konsegwenza, it-taċitu u l-impliċitu, ossija l-ekwipollenti, fil-konkors tar-rekwiżiti li ntqalu, għandu l-istess forza u effikaċja ta' l-espress (ara Appell 26 ta' Frar 1873 in re "Leonard vs. Casella". Vol. VI, paġ. 435 u in partikulari 441, kolonna 2da., u paġ. 442, kolonna 1ma. in fine, u kolonna 2da. in primis);

Illi ma hemm xejn lanqas fil-liġi li s-sentenza ma tistax, jekk tilqa' t-talba, timponi li l-istess tiġi eżegwita jumejn fuq li l-attur jottjeni mill-Qorti fissazzjoni tat-terminu għar-rivendizzjoni mill-parti tal-konvenut li rkupra l-post; liema provvediment ikun ta' natura ta' kondizzjoni sospensiva. Del resto, hekk isir fil-każ ta' ritratt dwar ir-rivendizzjoni tal-fond, meta ma tkunx saret il-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż fil-kawża prinċipali fejn ikun sar pronunċjament dwar il-validità ta' l-irkupru;

Illi bl-azzjoni promossa mill-attur l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut, sew dik li l-kumpens mitlub mhux dak li jistħoqq l-għaliex il-miljoramenti ma humiex fil-fatt, kif allegat, utili u neċessarji, sew li l-istess saru in frodi jew b'inkella (vessazzjoni) tiegħu sabiex jiddisswaduh mill-irkupru, sew, għal bżonn, li l-ammont fissat huwa eżaġerat, ma hija kompromessa;

Illi fl-aħħarnett jingħad li l-liberazzjonijiet "ab observantia" huma rigwardati mill-ġurisprudenza lokali bid-disfavur, meta mill-kontest ta' l-att prinċipali, sew indirettament sew ekwipollentement, l-azzjoni promossa tidher li mhix ekwivoka, ambigwa, jew ta' natura inċerta u mhux ċara;

Illi lanqas huwa suġġeribili li l-perizja eżibita tiġi sfilata. Jekk meta jsiru l-provi fil-kawża fiż-żmien opportun ikun jirriżulta jew li hija mhix korretta, jew li hija eżatta, dak il-fatt kontestat ikollu b'mod jew ieħor rifless ċertament fuq il-kap ta' l-ispejjeż. Del resto, l-istess perizja qiegħda tiġ-

ġust'fika t-talba għall-ammont mitlub, u kwindi hija dokument eżibit biex jissorreġġi t-talba tal-pagament; u kwindi t-talba attriċi mhix irritwali;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u l-petizzjoni tiegħu li fiha talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u r-riġett tad-domanda avanzata mill-attur; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

Biċ-ċitazzjoni fuq imsemmija l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut kien eżerċita d-dritt ta' l-irkupru fuq l-għalqa "de qua", illi l-konvenut kien iddepożita s-somma ta' £147 u rriżerva li jirreintegra dan id-depożitu, jekk ikun il-każ, u illi hu (l-attur) kien bena qabel l-irkupru żewġ ħitan u kamra, talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tas-somma minfuqa għal dawn il-ħitan u kamra, pjù l-ispejjeż tar-relazzjoni peritali eżibita maċ-ċitazzjoni;

Il-konvenut issolleva l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità tad-domanda, fis-sens li din kien imissha kienet talba għal-likwidazzjoni (mhux għall-kundanna għall-ħlas), u kontemporaneament kien imissha kien hemm talba għall-fissazzjoni ta' jum għar-rivendizzjoni;

Il-konvenut iċċita l-art. 1504 Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, li jgħid hekk:— "Ir-retrattarju jista', f'kull żmien wara l-preżentata taċ-ċedola ta' rkupru, jitlob il-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż meħtieġa jew utili li għalihom ikollu jedd, u jista' jiegħel lir-retraent li jħallas dawk l-ispejjeż fil-jum li, fuq talba ta' l-istess retrattarju, jiġi mogħti mill-Qorti għar-rivendizzjoni";

L-istess konvenut talab anki l-ispiża tar-relazzjoni Vassallo eżibita maċ-ċitazzjoni, għax dik hi perizja "ex parte";

Issa hu prinċipju ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati ta' Malta illi d-domanda tista' tiġi sostnuta "per equipollens". Ingħad fis-sentenza "Xuereb utrinque", Kummerċ, 2 ta' Jannar 1883:— "Se un attore non esprime in termini bastantemente chiari e precisi il diritto ossia l'azione che esperisce, egli potrebbe usare una equipollenza giuridica nelle parole, e tale da importare un'equivalenza logica e bastante da non ricorrere in una nullità, massime che il rigore circa le identiche parole della legge, che altre volte costituiva l'an-

l-hu sistema delle *formole* solenni, ora è abbandonato come sistema proprio della infanzia del diritto". L-istess konċett ġie ripetut fis-sentenza ta' l-istess Qorti "Scicluna vs. Carbone", 29 ta' Novembru 1884 (fejn tissemma "la teoria degli equipollenti") u "Mifsud vs. Perez", 16 ta' Ġunju 1885. U din il-Qorti (President Sir Antonio Micallef, Imħallfin Dr. Conti u Dr. Salv. Naudi), fil-kawża "Leonard vs. Casella", 26 ta' Frar 1873, qalet illi "secondo la legge, quando questa non vieta l'equipollente anche in forma tacita ed implicita, non è necessaria alcuna formola espressa per la proposizione delle azioni, ossia, come dicono, una forma specifica, ed il tacito od implicito, ossia l'equipollente, concorrendovi i detti requisiti, ha la stessa forza ed efficacia dell'espresso". Aktar reċentement din il-Qorti (President Sir Arturo Mercieca, Imħallfin Prof. Sir Argustus Bartolo u Dr. R.F. Ganado), qalet:— "Bħal ma ġie bosta drabi maqtugħ minn dawn il-Qrati, iċ-ċitazzjoni ma titwaqqax ħlief għal raġunijiet gravi, u fost kollox wieħed għandu jara jekk minn xi nuqqas jew xi żbalji li jkun fiha jiġix preġudikat il-konvenut biex ma jkunx jista' jiddefendi ruħu............" (Vol. XXIX—I, 111);

Issa f'dan il-każ hu ċar illi d-domanda għall-kundanna ta' dik is-somma għandha implicita fiha t-talba għal-likwidazzjoni ta' l-istess somma. Kif osservat din il-Qorti fil-kawża "Dimech vs. Schembri", 30 ta' Jannar 1871, "la domanda per la liquidazione e canonizzazzione di un credito è implicita nella domanda per la condanna al pagamento del credito medesimo". Il-fatt li l-attur talab somma determinata tista' tkun fil quddiem kwistjoni ta' l-inċidenza ta' l-ispejjeż, iżda ma ġġibx għan-nullità taċ-ċitazzjoni minħabba l-irritwalità tad-domanda;

Lanqas hu eżatt ir-riljev li l-liġi timponi li kontestwalment għandu jkun hemm talba għal fissazzjoni tal-*jum* tar-rivendizzjoni. Hu vera illi l-ħlas huwa dovut meta ssir ir-rivendizzjoni, għaliex minn żmienijiet antiki (ara Sup. Mag. Giustizia 30 Sett. 1873) sal-lum (ara Vol. XXX—I—509 u II, p. 333) dejjem ġie ritenut illi s-subingress tar-retraent fid-drittijiet tax-xerrej isir mhux bil-preżentata taċ-ċedola ta' rkupru, li hi att unilaterali, imma bir-rivendizzjoni. Imma dan ma jfissirx li mat-talba għal-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż

għandu jkun hemm bilfors talba konkomitanti għall-fissazzjoni tal-jum tar-rivendizzjoni, iżda jfisser biss li l-ħlas għandu jsir biss meta ssir ir-rivendizzjoni;

Il-konvenut ma hux preġudikat bid-domanda kif formulata. Infatti:—

1. Huwa dejjem jista' jikkontesta, kif qiegħed jagħmel, illi, skond ma jallega hu, l-ispejjeż saru in frode tiegħu, b'vessazzjoni, u biex jiġi skoraġġit ir-retratt;

2. Jista' dejjem jikkontesta l-ammont u jipprovoka mill-Qorti l-indaġinijiet meħtieġa, anki peritali, biex dan l-ammont jiġi aċċertat skond il-liġi;

3. Jista' dejjem jitlob, u ċertament il-Qorti ma tiċħadlux, li l-pagament, jekk ikun il-każ li jsir xi pagament, isir jekk u meta ssir ir-rivendizzjoni, sabiex hu ma jiġix espost għall-attijiet eżekutivi bla ma tkun saret ir-rivendizzjoni;

4. Jibqa' dejjem impreġudikat, anki bid-domanda kif konċepita, id-dritt tal-konvenut li jiġib 'il quddiem, jekk hu l-każ, kull kreditu għall-frutti perċepiti jew perċepibili, u għal dawk pendenti (art. 1496 u 1497 Kap. 23), jew għaddanni talvolta kaġunati fil-ħaġa rkuprata (art. 1505-1506 ibid.). Del resto, id-domanda għal-likwidazzjoni, imsemmija fl-art. 1504, tant fl-ewwel kemm fit-tieni subartikolu, hija "expressis verbis" riferibili mhux għal-likwidazzjoni ġenerali ta' l-ispejjeż u krediti "hinc inde", imma biss ta' l-ispejjeż neċessarji jew utli tar-retrattarju;

L-appellant osserva illi d-domanda konkomitanti għall-fissazzjoni tal-jum tar-rivendizzjoni hija meħtieġa għax ir-retraent jista' dejjem jirreċedi mir-retratt sakemm dan ma jiġix rikonoxxut b'att ġudizzjarju mir-retrattarju. Dan ir-riljev ma hux eżatt; mhux biss għaliex ladarba l-Qorti, meta faqta' l-meritu, u jekk ikun il-każ, timponi l-kondizzjoni tar-rivendizzjoni mal-kundanna għall-ħlas, ebda preġudizzju ma jista' jkun hemm għall-jedd tar-retraent li jirreċedi mir-retratt, imma anki għaliex f'dan il-każ, bit-termini kif inhija konċepita ċ-ċitazzjoni, u bil-fatt stess tat-talba għar-rifużjoni ta' l-ispejjeż minnu magħmula, l-attur retrattarju qiegħed jirrikonoxxi r-retratt, u ċ-ċitazzjoni hija indubbjament att ġudizzjarju;

Għalhekk ma hemmx l-irritwalità li minnha jilmenta l-konvenut;

Kwantu għall-isfilz tar-relazzjoni Vassallo, huwa ċar li dina ġiet eżibita biex l-attur jiġġustifika l-għaliex qed jitlob is-somma indikata fiċ-ċitazzjoni. Ma hemmx kwistjoni li dak id-dokument hu perizja "ex parte", u ċertament il-Qorti tal-merito ma hix sejra tadottah ġaladarba hemm il-kontestazzjoni tal-konvenut. Imma, peress li jista' jkun li 'l quddiem ikollu influwenza fuq il-kap ta' l-ispejjeż il-fatt li l-attur talab dik is-somma għax daqshekk ġie fissat mill-perit minnu inkarikat, għalhekk ma hux il-każ li jiġi sfilzat id-dokument, bla ma b'hekk jiġi preġudikat il-konvenut, li, apparti kontestazzjonijiet oħra, jista' dejjem jitlob aċċertament peritali indipendenti;

Kwantu għall-ispejjeż ta' din il-kawża, il-Qorti tosserva illi, għalkemm għar-raġunijiet fuq imsemmija ma hemmx lok għal-liberatorja minħabba irritwalità tad-domanda, ċjò non ostanti l-mod mhux affattu preċiż li bih ġiet formulata l-istess domanda ikkontribwixxa biex ipprovoka din il-kwistjoni, l-għaliex l-attur seta', b'aktar attenzjoni għal dik il-preċiżjoni li hi desiderabbli fl-iskritturi ġudizzjarji, jitlob il-likwidazzjoni minflok il-kundanna għal somma determinata, u seta' wkoll jissubordina l-pagament għar-rivendizzjoni minflok ma jirrendi neċessarju li din il-kondizzjoni żżidha l-Qorti 'l quddiem biex tirrimedja għan-nuqqas tiegħu. L-attur, minflok jifformula d-domanda fil-mod preċiż li solitu jiġi osservat, partikolarment fit-tema ta' rkupru, illimita ruħu għattalba għal kundanna għall-ħlas. Għalhekk il-konvenut ma kienx għal kollox inġustifikat li jirrileva n-nuqqas fiċ-ċitazzjoni, għad li dan in-nuqqas ma jġibx irritwalità u nullità. Konsegwentement għandu jsir temperament fl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti* tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appella u tikkonferma s-sentenza li minnha sar l-appell. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa, dritt tar-Reġistru però, fiż-żewġ istanzi, għak-kariku tal-konvenut. *Tordna li l-proċess jiġi rinvijat* quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza għat-trattazzjoni u deċiżjoni.

---